KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 31/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 31

*L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku*<br>Darren Lynch - *Viċi Sindku*<br>Rita Delezio - *Kunsilliera*<br>Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*<br>Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier*<br>Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri, li l-Kunsilliera Axisa u Bartolo talbu li jkun skużati minħabba raġunijiet ta' saħħa u xogħol rispettivament. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikata.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 30 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand il-Wasteserv dwar l-inċineratur tal-Marsa li tikkonferma li l-entita qed taħdem fuq dak li kien miftiehem mal-Kunsill kif ukoll illi l-apparat kollu li jikkontrolla l-emissjonijiet u l-irwejjaħ ser ikun installat sa Frar li ġej. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din il-korrispondenza waslet wara li l-Kunsill talab li li tintbagħat korrispondenza lill-Wasterserv dwar l-irwejjaħ li baqgħu jinxtammu.

3.2. Talba mill-Primary Health Care sabiex issir parkeġġ riservat u apparat tal-iċċarġjar għall-ambulanzi elettriċi fil-Pjazza. Il-membri qablu li s-Sindku jiltaqa' ma' rappreżentati tal-entita sabiex wieħed jiddiskuti il-każ f'aktar dettall.

3.3. Korrispondenza dwar ilma li qed jidħol fi propjetà li hija waħda mill-aktar antiki tal-lokalita li kienet ukoll waħda mid-djar tal-Gran Mastru De Paule. Il-membri qablu li jitolbu lil Perit jinvestiga l-każ.

## 4. Estimi Finazjarji 2022

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-estimi finanzjarji kif ukoll diskussi fil-laqgħa pubblika għall-approvazzjoni tal-membri. Il-membri approvaw l-estimi kif ppreżentati.

## 5. Milied 2021

5.1. Is-Sindku qal li l-kunċert li sar fit-13 ta' Diċembru mas-Soċjeta de Paule u l-parata tal-Milied kienu tassew ta' livell u kompla bil-programm li jmiss tal-attivitajiet kif ġej:

5.1.1. L-attività Chrsitmas Under the Bridge mal-Kunsilli tal-Marsa u Ħamrun
5.1.2. Kunċert tal-Milied fil-Knisja St Ubaldeska fl-20 ta' Diċembru mal-Marivyan Quartet
5.1.3. Tqassim ta' Rigali ma' Santa Klaws fl-20 u 21 ta' Diċembru

5.2. Dwar il-kunċert klassiku tal-Milied f'Sant' Ubaldeska mal-Marivjan Quartet, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi sabiex ix-xandira tkun diretta fuq facebook il-baġit irid ikun miżjud u għaldaqstant il-membri approvaw il-baġit ta' €2500 b'risq il-kunċert.

5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi fl-isfond tar-regolamenti marbuta mal-pandemija, l-attivitajiet tal-kunċert li sar fil-pjazza u dak li ser isir fil-Knisja ta' St Ubaldeska kienu approvati mill-Awtorità tat-turiżmu.

## 6. *Staff Performance Bonus.*

6.1. Is-Sindku qal li din is-sena kienet sena oħra kkaretrizzata b'ħafna xogħol siewi fl-uffiċju u għalhekk kien qed jipproponi illi l-ħaddiema kollha tal-Kunsill inkluż is-Segretarju Eżekuttiv jingħataw l-massimu tal-*performance bonus*. Il-membri approvaw.

6.2. Is-Sindku qal ukoll li huwa kien qed jipproponi wkoll li l-impjegat tal-RSSL responsabbli mill-ħaddiema jieħu l-bonus tal-ħidma ta' responsabiltà li huwa jwettaq fil-Kunsill li jammonta għal €1,600 biż-żieda ta' €100 fuq is-sena l-oħra tkun qed tingħata fid-dawl tal-ħlasijiet ta' komunikazzjoni mill-impjegat innifsu. Huwa ippropona wkoll li jingħata bonus ta' €350 lill-impjegat l-ieħor tal-istess skema. Il-membri approvaw.

6.3. Dwar l-istaff, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kien hemm applikazzjoni waħda għas-sejħa interna ta' Skala 13 u għaldaqstant is-Sindku ippropona li isiru l-intervisti ta' din is-sejħa minn bord indipendenti kif sargħet fis-sejħa ta' skala 11 magħmul mis-Segretarju Eżekuttiva, l-Avukat Tiffany Attard u s-Sur Chris Falzon.

## 7. Offerti

7.1. Is-Segretarju ppreżenta lill-membri ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni tal-offerti tal-ġbir tal-iskart. Il-membri approvaw ir-rapport kif anness.

7.2. Is-Sindku informa lill-membri li ix-xogħol fuq il-monument ta' Dom Mintoff kien għaddej però kien tassew diffiċli sabiex isir l-proċess tal-bidla fil-perit sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni DNO fuq il-permess eżistenti tal-ġnien sabiex tkun tista' issir l-installazzjoni tal-pedestall u l-monument inniffsu. Għaldaqstant is-sindku ippropona li l-kuntratt eżistenti, li jitlob li l-monument ikun installat sa tmiem is-sena 2021, jiġi estiż b'sena, sa tmiem l-2022. Il-membri qablu.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri illi xogħolijiet pendenti tal-pjazza kienu bdew hekk kif sar ix-xogħol fuq id-dawl tal-pjazza ta' fuq kif ukoll taz-zebra crossings. Is-Sindku kompla li x-xogħol li kien ppjanat għal wara l-festi ser isir ukoll fl-ewwel xhur tas-sena. Is-Sindku qal li huwa wkoll infurmat mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta li ser isiru testijiet tat-triq f'Jannar sabiex ma jkunux affettwati ġranet ta' festi fil-pjazza. Is-Sindku fakkar li l-ispejjeż kollha tax-xogħolijiet ser jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill Konsultattiv.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-attitudni ta' uħud mill-kolletturi tal-iskart li jiġbru l-iskart qabel u jpoġġuhom quddiem il-bibien tan-nies. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur hekk dan l-aġir mhux permissibbli bil-kuntratt innifsu.

## 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 30 għas-somma ta' €58,385.35

KUNSILL LOKALI PAOLA

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fil-5:20pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 26 ta' Jannar 2022.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 26 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |